



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2185(DEC)

1.3.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni
Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2011
(C7-0247/2012 – 2012/2185(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Papanikolaou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-qagħda finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet f'dik id-data, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jinnota li l-baġit finali tal-Aġenzija ammonta għal EUR 20 180 020 għas-sena finanzjarja 2011 b'kontribuzzjoni tal-Unjoni li tirrappreżenta 99 % tal-baġit; jirrikonoxxi l-fatt li fl-2011 l-Aġenzija impenjat 100 % tal-appropriazzjonijiet li rċeviet; madankollu, josserva li, f'termini ta' appropriazzjonijiet imħallsa, ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-Aġenzija hija ta' 75 % fl-ambitu tat-Titolu 2 (Nefqa amministrattiva) u ta' 27 % biss fl-ambitu tat-Titolu 3 (Nefqa operattiva); jinnota li, f'termini ta' appropriazzjonijiet imħallsa, dan jirrappreżenta żieda minn 62 % għal 75 % meta mqabbel mal-2010; jistieden lill-Aġenzija timplimenta miżuri speċifiċi sabiex ittejjeb il-proċess baġitarju tagħha u r-rata ta' eżekuzzjoni ta' pagament fil-każ tan-nefqa amministrattiva u operattiva;
3. Jifraħ lill-Aġenzija għall-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ma kellha l-ebda kumment ta' kritika x'taġħmel fir-rapport tagħha;
4. B'mod ġenerali, jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tiffoka aktar fuq l-awditjar tal-amministrazzjoni finanzjarja tajba tal-Aġenzija, partikolarment l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom l-Aġenzija użat l-appropriazzjonijiet tagħha fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 50 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Sophia in 't Veld, Livia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Salvador Sedó i Alabart, Janusz Wojciechowski
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Ivailo Kalfin, Iosif Matula, Ivo Vajgl